MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2010

Rikors Numru. 1001/2006

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**vs**

**Victor Camilleri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Victor Camilleri fejn dan, wara li ppremetta illi:

Huwa gie nnotifikat bl-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi li permezz taghha l-Kummissarju tat-Taxxi Interni qed jinterpella lill-esponenti ghall-hlas tas-somma ta' hdax-il elf mija u sitta u hamsin Liri Maltin (Lm11,156) fi hlas lura ta' taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-snin ta' stima 1984, 1985, 1987, 1988, 1989, 1990, 1991, 1992, 1993, 1994, 1995, 1996, 1997, u 1998.

L-esponenti qieghed jintavola dan ir-rikors ai termini ta’ l-artikolu 283A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi li kull persuna li jinhareg kontrih att esekuttiv jista’ jaghmel rikors lil dik il-Qorti li tkun harget dak l-att, fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f’parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-Ligi.

Ir-ragunijiet validi li bihom l-esponenti qed jikkontesta dan l-att ezekuttiv huma:

Li, preliminarjament, ai termini ta’ l-artikolu 47 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta’ Malta, din l-azzjoni ghall-hlas lura ta’ taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja hija preskritta skond il-ligi,

Li, minghajr pregudizzju ghall-premess u subbordinatament, fi kwalunkwe kaz dak dovut mill-esponenti thallas lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni abbazi ta’ ftehim li gie ratifikat tacitament mill-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni,

Li, konsegwentement isegwi li kwalunkwe taxxa addizzjonali jew ammont ulterjuri mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni m’humiex dovuti,

Li permezz ta’ l-ittra datata 22 ta’ Settembru 1997, l-esponent accetta li jhallas l-ammonti kif dovuti ghas-snin ta’ stima 1987, 1988, 1989, 1990, 1991, 1992, 1993 u 1994 kif jirrizulta mill-annessa kopja ta’ l-istess ittra (Dok. VC1). Dwar dan hemm ftehim mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza dawn l-ammonti thallsu. Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara ai termini ta’ l-artikolu 283A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan l-att ezekuttiv huwa null fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandu jithassar ghal kollox ghar-ragunijiet validi skond il-Ligi elenkati f’dan ir-rikors.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn dan eccepixxa illi:

In linea preliminari, l-Avukat Generali, ghadu mhux notifikat bir-rikors odjern u ghalhekk a tenur tal-Artikolu

181B (3) tal-Kap. 12, it-terminu ghar-risposta ghadu ma bediex jiddekorri.

Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:
Illi l-ammont ta' Lm11,156 dovut lill-esponent m'huwiex preskritt kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost in kwantu, ir-rikorrent qatt qabel ma kien qajjem preskrizzjoni ghall-ebda somma dovuta lill-esponent oltre l-fatt li huwa qatt ma kien ressaq oggezzjoni ghall-istess, il-hlasijiet li huwa ghamel wara l-1997 kif indikati fl-ittra tieghu tat-22 ta' Settembru 1997 gew meqjusa mill-esponent li koprew l-ewwel il-hlasijiet dovuti li kienu l-aktar qodma skond il-ligi fosthom parti mis-sena ta' stima 1984 li hija parti mill-kawza odjerna u ghalhekk dik is-somma zgur mhix preskritta.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost ukoll fir-rigward tas-sena ta' stima 1997 parti minn din is-somma ukoll thallset mir-rikorrent lill-esponent u ghalhekk din ukoll mhix preskritta.

Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost, is-sena ta' stima 1998 mhix preskritta ghax harget fl-1999 u allura ghadhom m'ghaddewx tmien snin imsemmija fil-Kap. 372.

Illi ma hemm ebda ftehim esplicitu jew tacitu bejn l-esponent u r-rikorrent dwar is-somom u s-snin indikati fir-rikors promotur u ghalhekk l-esponent jopponi bil-qawwa l-allegazzjoni li dak kollu li kien dovut mir-rikorrent thallas lill-esponent.

Illi fi kwalunkwe kaz l-esponent jirrileva li r-rikorrent qatt ma ta raguni valida il-ghala qatt ma hallas is-somom dovuti lill-esponent.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet ix-xhied prodotti.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti gie notifikat b'ittra ufficjali datata 20 ta' Ottubru 2006, fejn intalab illi ihallas taxxa dovuta ghal diversi snin mill-1984 sal-1998. L-istess Victor Camilleri issa qieghed jikkontendi li l-azzjoni ghall-hlas hija preskritta ai termini tal-Art. 47 tal-Kap. 372.

L-Art. 47 tal-Kap. 372 jipprovdi testwalment illi:

"Salv kif xort'ohra espressament provdut fl-Atti dwar it-Taxxi u salvi b'mod partikolari d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 30(5) u ta' l-artikolu 31(7), l-azzjoni ghall-hlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali, imghax jew xi penali tista' tinbeda f'kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti u ghandhom jithallsu sa tmien snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima ghar-rigward taghhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konkluziva".

Victor Camilleri jikkonferma fl-affidavit tieghu illi:

"Fit-22 ta' Settembru 1997 kienet inharget A.R.S Taxpayer Statement ghall-bilanc ta' wiehed u ghoxrin elf sebgha mija u hamsa u tmenin Lira Maltin (Lm21,785) ghas-snin ta' stima 1947, 1977 sa 1979, 1981, 1982, 1984 sa 1994. Permezz ta' ittra datata 22 ta' Settembru 1997 (Dok. VC1) jiena oggezzjonajt ghall-hlas ta' l-ammont ta' Lm13,081 fir-rigward ta' snin ta' stima 1947, 1977 sa 1979, 1981, 1982, 1984 sa 1986 peress li dawn kienu preskritti skond il-Ligi.

Permezz ta' l-istess ittra ressaqt proposta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex nhallas il-bilanc ta' Lm8,700 skond l-istess A.R.S. Taxpayer Statement tat-22 ta' Settembru 1997 f'numru ta' pagamenti u annettejt l-ewwel pagament ghall-ammont ta' Lm300 permezz ta' bank draft (nru. 184115) liema pagament gie accettat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u gejt moghti d-debita ricevuta tal-hlas (Dok. VC2).

Sussegwentement jiena bqajt nhallas il-pagamenti skond kif indikat fl-ittra tieghi tat-22 ta' Settembru 1997. Il-pagamenti saru fit-28 ta' Jannar 1998, 27 ta' April 1998, 27 ta' Jannar 1999, 28 ta' Jannar 2000 u 19 ta' Gunju 2000. Il-pagamenti saru permezz ta' bank drafts li kienu dejjem jintbghatu lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni flimkien ma' korrispondenza fejn kienet issir referenza ghall-pagamenti indikati fl-ittra tat-22 ta' Settembru 1997 u kont nindika l-bilanc rimanenti dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni (Doks. VC3-VC7). L-ahhar pagament ta' Lm800 li sar fid-19 ta' Gunju 2000 sar ghas-saldu ta' dak kollu dovut lid-Dipartiment sa dik il-gurnata kif tindika l-ittra li ggib l-istess data (Dok. VC7). Dawn il-pagamenti kollha gew accettati mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u dan ghaddieli ricevuti ghall-hlas ta' kull pagament minghajr l-ebda kumment iehor jew oggezzjoni".

Ma jirrizulta minn imkien mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li l-preskrizzjoni rigward ammonti dovuti relattivament ghas-snin 1995, 1996 u 1997 giet b'xi mod interrotta u ghaldaqstant din il-Qorti tqis li l-azzjoni rigwardanti dawn l-ammont hija preskritta.

Jirrizulta mid-dokumenti prodotti a fol. 59 et seq illi l-istimi ghal dawn is-snin hargu definittivament f'Novembru tal-1995; Jannar tal-1997 u f'April 1998.

Madanakollu, l-istima ghas-sena 1998 inharget fl-1999 u hija l-azzjoni ghal dan l-ammont biss li ghadha m'hijiex estinta.

Fil-kuntest ta' dan kollu, il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Onor. Imhallef Philip Sciberras) fil-kawza K.T.I. vs Alfred Caruana (10 ta' Jannar 2007) u ghall-insenjament fiha kontenut.

"Mhux mistenni, u lanqas accettabbli, allura, illi l-legislatur, bla raguni soda u konvincenti, jinventa mekkanizmu statutorju biex jiccirkumventi l-preskrizzjoni stabbilita u jipprolunga temporanjament it-terminu ghall-proponiment ta' azzjoni ghat-tutela formali eskluziva tad-Dipartiment tat-Taxxa".

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tilqa' t-talba kif dedotta fir-rikors promotur hlief ghall-ammont ta' €51.25 (Lm22), relattivi ghas-sena ta' stima 1998.

L-ispejjez jithallsu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------